**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 29 T'OTTUBRU 2020**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Gur. 842/2018 RGM**

**Catherine Tabone (I.D. 323682 (M))**
**bhala kuratrici ta' l-interdetta Carmela**
**Tabone (I.D. 25419 (M))**

**vs.**

**i) Ghana Mission Foundation VO/0486**

**ii) L-Avukata Dr. Michelle Tabone Ekonomu ta' l-Arcisqof ta' Malta Amministratur tal-beni ta' l-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza ghall- Persuni b'Dizabilita` tas-Siggiewi VO/1066**

**iii) Mons. Gorg Grima bhala President u Jane Galea bhala segretarja ta' Gesu fil-Proxxmu NGO VO/0140 u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2018, gew ikkancellati l-kliem "Monsinjur George Grima" u**

**sostitwita bil-kliem "Father Alexander Cauchi"**

**iv) Charles Decelis bhala president u John Sammut bhala segretarju tal-Mission Fund VO/0015 u**

**v) Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-21 ta' Lulju 2020 gew nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jipprezentaw l-eredi innoti ta' Emanuel Barbara**

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors guramentat ta' Catherine Tabone pprezentat fl-14 t'Awwissu, 2018, li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:**

1. **Illi r-rikorrenti i**nhatret bhala kuratrici ta' l-interdetta Carmela Tabone u dan kif jirrizulta mill-anness digriet (Dok A).

2. Illi bhala kuratrici hija ghanda l-obbligi li tamministra tajjeb l-beni tal-istess interdetta Carmela Tabone, u dan inkluz ghal-azzjonijiet passati li huma ta' pregudizzju.

3. Illi jirrizulta li f'dawn l-ahhar snin, l-interdetta Carmela Tabone ddonat ammont sostanzjali ta' flus lill-organizzazzjonijiet intimati, u dan meta kkumparat mal-assi taghha.

4. Illi d-donazzjonijiet *de quo agitur* huma dawk indikati bl-ahmar fil-lista annessa (Dok B).

5. Illi sejjer jirrizulta waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri li l-istess donazzjonijiet saru minghajr att pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 1753 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi ghalhekk l-istess donazzjonijiet huma nulli ai fini u effetti kollha tal-ligi.

7. Illi l-kuratrici rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li d-donazzjonijiet maghmula millum interdetta Carmela Zammit lill-intimati hekk kif indikat fid-dokument B anness mar-rikors promotur huma nulli ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tillikwida konsegwentement dak li jrid jigi rifuz lura lir-rikorrenti nomine.

3. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrfondu lura l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-intimat ingunti in subizzjoni.

Rat **ir-risposta tal-Ghaqda Volontarja Gesu` fil-Proxxmu NGO VO/0140 u ta' Jane Galea bhala segretarja tal-istess ghaqda**, prezentata fl-10 t'Ottubru, 2018 fejn jinghad kif gej:

1. Illi huwa minnhu li r-rikorrenti inhatret bhala kuratrici tal-interdetta Carmela Tabone;

2. Illi dwar il-kumment tat-tieni paragrafu dan huwa punt ta' ligi imma certament lill-amministrazzjoni tal-beni tal-interdetta ma tinkludiex il-prezentata ta' din l-azzjoni li tesorbita tali amministrazzjoni, hija ta' natura straordinarja u kienet degriet tal-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja biex tawtorizza l-prezentata ta' din l-azzjoni;

3. Illi dwar il-fatti fit-tielet paragrafu l-esponent jista' jikkumenta biss fuq ir-relazzjonijiet ta' Carmel Tabone mal-ghaqda eccipjenti u ma jafx dwar hwejjeg ohra;

4. Illi dwar l-paragrafu erba l-eccipjent ma jifhimx ghal liema partiti qieghed jirreferixxi r-rikorrent u kien hemm il-htiega li dan jispecifika x'donazzjonijiet qieghed jippretendi li saru mill-interdetta lill-ghaqda u c-cirkostanzi ta' kull donazzjoni biex l-ghaqda tkun tista' tiddefendi ruhha; illi mhux it-transazzjonijiet kollha kienu forma ta' donazzjoni lill-ghaqda ghaliex kien hemm ukoll fejn il-flus gew destinati ghall-skopjiet volute minn Carmel Tabone u l-ghaqda kienet biss fiducjarja fir-rigward;

5. Illi dwar il-hames paragrafu hafna mid-donazzjonijiet lill-ghaqda eccipjenti kienu ta' valur modest u ma kienux jirrikjedu bl'ebda mod l-att pubbliku;

6. Illi mhux minnhu li dawk il-partiti li kienu donazzjonijiet kienu nulli anzi kienu validissimi u kien jirrispettaw il-volonta` tal-interdetta li f'dak il-mument kienet kompos u kienet taf xi trid sewwa;

7. Illi jekk il-kuratrici tafx b'dawn il-fatti personalment jew le ghad irid jigi stabbilit.

Illi ghalhekk l-ghaqda qieghed teccepixxi s-segwenti:

1. Ir-rikors huwa null ghaliex bl-ebda mod ma jispecifika fid-dettal dak li qieghed jigi pretiz minghand l-ghaqda eccipjenti; kien l-obbligu tieghu li jelenka sparatament fil-konfront tal-ghaqda dawk il-partiti li qieghed jghid li huma nulli u l-ammont pretiz mir-rikorrent minghand l-ghaqda; il-metodu addottat mir-rikorrent huwa sotterfugju evidenti biex ma jithallasx ir-registru li jkun dovut kieku t-talbiet jigu kalkulati *ad valorem* u mhux bhala punt ta' ligi; l-esponent jilmenta billi din tikkawzalu problema serja u nuqqas ta' certezza fid-difiza tieghu u tpoggih, ghalkemm forsi mhux intenzjonalment mir-rikorrent, fi svantagg serju fid-difiza tieghu;

2. Illi l-Mons. Gorg Grima huwa mejjet u ghalhekk huwa malament citat in gudizzju;

3. Illi mhux kull partita kienet necessarjament donazzjoni u sta ghar-rikorrent li jipprova liema huma l-partiti fir-rigward tal-ghaqda dwar liema qieghed jilmenta, l-entita` taghhaom u c-cirkoztanzi f'liema saru;

4. Illi hafna mill-hekk imsejha donazzjonijet maghmula lill-ghaqda minn Carmela Tabone kienu ta' entita` zghira u ma kien bl'ebda mod jinnecessitaw l-att pubbliku;

5. Illi mehud il-kuntest shih l-flus mghoddija lill-ghaqda minn Carmela Tabone ghadew taht titolu validu, ma kienux necessarjament jirraprezentaw donazzjonijiet lill-ghaqda billi kellhom skop li jigu min fuq fil-bini ta' knejjes barra minn Malta u mhux li jinghataw lill-ghaqda, u l-ghaqda serviet biss ta' fiducjarja;

6. Illi fil-kuntest kollu n-negozju maghmul mill-ghaqda kien wiehed validu u rett u kien jirrifletti l-volonta` vera u mhux alterat ta' Carmela Tabone.

7. Illi li dan kien l-veru ghan tal-interdetta jirrizulta anke bic-car mic-certifikat mediku rilaxxat fil-kors tal-interdizzjoni taghha.

8. Illi jigi ukoll notat li ghalkemm Jane Galea hija imharrka bhala segretarja fil-fatt illum hija t-tezorira ta' l-Ghaqda u mhux is-segretarja.

Rat **ir-risposta guramentata (a) tal-Avukat Dr Michelle Tabone għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza għall-Persuni b'Diżabilità, (b) ta' Ghana Mission Foundation u (ċ) ta' Charles Decelis bħala president u John Sammut bħala segretarju tal-Mission Fund** ipprezentata fit-12 t'Ottubru, 2018 fejn jinghad kif gej:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija nulla, irrita u inammissibli stante illi din il-kawza ma saritx bid-debita Awtorizzazjoni ta’ l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) biex tintavola din il-kawza bhala Att ta’ Amministrazzjoni Straordinarja;

2. Illi, subordinament imma ukoll in via preliminari , l-azzjoni attrici hija wahda nulla, irrita u inammissibli stante illi timporta l-illecitu fil-fatt illi tippretendi illi d-donatrici li talvolta – jekk hekk jigi ippruvat - tat somom ta’ flus b’mod ritwali u ghal skop volontarju, liema skop gie milhuq, issa titlob lura tali somma;

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, imma dejjem in via preliminari, t-talbiet attrici huma nulli, irriti u inammissibli stante illi huma vagi u mhux bil-kjarezza mehtiega skond il-ligi;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju m’huwiex minnu illi d-donazzjonijiet maghmulha mill-interdetta Carmela Tabone huma nulli skond il-Ligi u qualsiasi donazzjoni li ghamlet saret ritwalment skond il-Ligi;

5. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-attrici trid tipprova liema donazzjonijiet qeghda taghmel riferenza ghalihom u ghaliex tali donazzjonijiet,skond hi, huma affetti min-nullita skond l-artikolu 1753 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet peress li dan huwa kontestat;

6. Illi l-eccipjenti bhala ghaqdiet volontarji huma awtorizzati jircievu donazzjonijiet minghajr il-htiega ta’ ebda formalita’ u ghalhekk ukoll it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti kif ahjar jigi provat fit-trattazjoni tal-kawza;

8. Illli dwar, kif esposti fir-Rikors Guramentat dawn huma kontestati u l-attrici ghandha jekk jidhrilha, tipprova kull fatt kif imsemmi fir-rikors guramentat. Illi l-esponenti taf bil-fatti fuq imsemmija di *scientia propria.*

Rat illi saret il-procedura ghall-Kuraturi Deputati ghal eredi mhux maghrufa ta' Emanuel Barbara izda hadd ma resaq sabiex jigi nominat bhala Kuratur, ghaldaqstant il-Qorti b'digriet tal-21 ta' Lulju 2020 ghaddiet sabiex hatret lill-Avukat Dr Charmaine Cherrett u lill-P.L. Liliana Buhagiar kuraturi ai termini tal-Artikolu 934 tal-Kapitolu 12;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-4 ta' Settembru 2020 li permezz taghha eccepew li ma humiex edotti mill-fatti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-provi imressqa referibbli ghat-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Ghaqda Ġesù fil-Proxxmu u l-ewwel eccezzjoni tar-rimanenti konvenuti hlief il-kuraturi deputati fejn gie eccepiet in-nullita` tal-azzjoni attrici inkwantu l-attrici naqset milli qabel tottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) biex tintavola l-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Avukat Dr Michelle Tabone ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza għall-Persuni b'Diżabilità, Ghana Mission Foundation u Charles Decelis bħala president u John Sammut bħala segretarju tal-Mission Fund ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2019 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi pprezentata fit-18 ta' Marzu 2019 limitatament dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Ghaqda Ġesù fil-Proxxmu u l-ewwel eccezzjoni tar-rimanenti konvenuti hlief il-kuraturi deputati.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-abbli Avukati tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari surriferita;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Dicembru 2017 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja), l-attrici Catherine Tabone inhatret kuratrici tal-interdetta Carmela Tabone u dan sabiex 'tamministra tajjeb il-beni tal-interdetta [...] bil-poteri soliti skond il-liġi'[1]. Din il-hatra sehhet wara li l-istess Catherine Tabone għamlet talba lill-Qorti kompetenti sabiex issir l-interdizzjoni ta' Carmela Tabone, iz-zija tagħha.

Mill-inventarju pprezentat mill-attrici mar-rikors promotur jirrizulta li fl-ahhar snin qabel saret l-interdizzjoni, Carmela Tabone iddonat somom sostanzjali ta' flejjes lill-konvenuti li jvarjaw minn erbghat elef ewro (€4,000) sa mija u hamsin elf ewro (€150,000). Kien ghalhekk li l-attrici ntavolat l-azzjoni odjerna sabiex din il-Qorti tordna nulli numru minn dawn id-donazzjonijiet u dan fuq il-premessa li kienu saru minghajr att pubbliku skont kif jitlob l-Artikolu 1753 tal-Kodici Civili. L-attrici titlob ukoll lil din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' flus li ghandu jigi rifuz u tordna rifuzjoni tal-ammonti hekk likwidati.

Min-naha taghhom il-konvenuti jeccepixxu b'mod preliminari li din l-azzjoni ma setghetx tigi intavolata qabel l-attrici tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja). Jinghad mill-konvenuti li l-attrici kellha l-ewwel u qabel kollox tigi awtorizzata mill-Qorti kompetenti sabiex tkun tista' tmexxi b'dawn il-proceduri u dan peress li l-azzjoni tirrigwarda att ta' natura straordinarja.

Din l-eccezzjoni tista' twaqqaf il-kawza jekk tigi milqugha u huwa ghalhekk li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi tali eccezzjoni preliminari qabel jigi investit il-mertu.

[1] Paġna 28 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

B'rabta mal-eccezzjonijiet preliminari surriferiti, fis-seduta tas-2 ta' Novembru 2018 il-legali tal-attrici iddikjara is-segwenti:

> "referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni preliminari a fol 19 u l-eccezzjoni preliminari li tinsab fit-tieni paragrafu a fol 13 tal-process, jiddikjara illi qabel intavolat il-kawza odjerna, l-attrici nomine ma talbitx l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja".[2]

Referibbli ghall-eccezzjoni minnhom sollevata il-konvenuti Dar tal-Providenza għall-Persuni b'Diżabilità, Ghana Mission Foundation u Mission Fund jissottomettu li l-kliem 'poteri soliti' fid-digriet tal-hatra tal-attrici bhala kuratur jirreferu ghall-amministrazzjoni ta' kuljum u mhux ghal amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk sabiex ikun hemm atti ta' amministrazzjoni straordinarja jehtieg l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Jsostnu illi fir-rikors taghha bhala kuratur ta' l-interdetta l-attrici ma talbitx permess sabiex tipprezenta xi azzjoni legali u ghalhekk id-digriet tan-nomina taghha bhala kuratrici ma jinkludix l-azzjoni odjerna. L-imsemmija konvenuti jghaddu sabiex jirreferu ghal diversi artikoli tal-Kapitolu 12 u cioe l-Artikoli 472, 477 u 478 (1) in sostenn tal-argument taghhom; u jiccitaw in sostenn tal-eccezzjoni preliminari taghhom sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju 1931 fl-ismijiet **Rosa Formosa ne vs. Pietro Paolo Said** (Vol. XXVIII E, II, 1).

L-attrici tirribatti billi tispjega li d-decizjoni **Rosa Formosa ne vs. Pietro Paolo Said** ghandha tigi moqrija fl-intier taghha u dan ghaliex a contrario ta' dak li qieghed jinghad mill-konvenuti, filwaqt li awtorizzazzjoni hija mehtiega meta tkun ser taghħmel trasferiment ta' assi, mhux l-istess japplika meta l-kuratrici tkun qieghda tiftah azzjoni sabiex jigi rientigrat fil-patrimonju dak li allegatament gie trasferit b'mod illegali. Din hija l-azzjoni li giet istitwita mill-attrici; l-attrici tissottometti li bis-sahha ta' din l-azzjoni mhux qieghda tnaqqas il-patrimonju tal-interdetta izda sabiex ikun hemm rientigrazzjoni tal-patrimonju b'dan ghalhekk l-

[2] Pagna 23 tal-process.

azzjoni m'hi ser tikkawza l-ebda pregudizzju ghall-interdett. Issostni ghalhekk illi din il-Qorti ma tridx tara jekk intalabx permess in vacuum izda ghandha tezamina n-natura tal-azzjoni b'mod holistiku. L-attrici tispjega wkoll li hija pprezentat dawn il-proceduri wara l-otteniment tad-digriet tal-interdizzjoni. Bhala kuratrici tispjega li l-funzjoni principali taghha huwa li tamministra l-beni u taghmel rendikont tal-assi tal-interdetta u dan sabiex il-persuna interdetta ma tkunx pregudikata.

Ikkunsidrat;

**In-nomina ta' kuratur**

Diversi huma dawk l-istanzi meta jkun hemm il-htiega li jigi nominat kuratur sabiex jassisti u jamministra l-beni ta' terzi kif ukoll sabiex jirrapprezenta lit-terzi f'azzjonijiet gudizzjarji. Fil-kaz odjern l-attrici kienet intavolat rikors titlob lill-Qorti Civili (sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) sabiex tigi ordnata l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni taz-zija taghha Carmela Tabone u sabiex hi tigi nominata bhala l-kuratrici taghha. Il-bazi ghal dik it-talba kienet li "l-eta avvanzata taghha ta' 98 sena mhix f'posizzjoni li tamministra hwejjigha"[3] u pproduciet certifikat mediku.

Bis-sahha ta' digriet tas-7 ta' Dicembru 2017 (Rik Nru 397/2017), il-Qorti Civili (sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) innominat lill-attrici Catherine Tabone "kuratrici taghha [b'referenza ghal Carmela Tabone] prevja li ghandha tobbliga ruhha fl-atti ta' din il-Qorti b'ipoteka legali skond il-Ligi ta' hwejjigha kollha presenti u futuri li tamministra tajjeb il-beni tal-interdetta u li tirrendi kont fl-ahhar ta' din l-amministrazzjoni (tlett snin) jew jekk tkun hekk ordnata minn din il-Qorti u dan bil-poteri soliti skond il-Ligi" u dan wara li interdixxit lil Carmela Tabone mill-atti kollha tal-hajja civili.

**L-irwol tal-kuratur**

L-irwol tal-kuratur ivarja skont l-inkarigu moghti mill-Qorti. Ghall-iskopijiet ta' din il-kawza l-Qorti sejra tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-irwol ta' kuratur

[3] Pagna 27 tal-process.

mahtur ghal persuni li jkunu gew interdetti. Din il-konsiderazzjoni sejra tinqasam fi tnejn – (a) il-prezentata ta' azzjoni u (b) l-irwol generali ta' kuratur.

### (a) Prezentata t'azzjoni

Il-konvenuti qeghdin jikkontestaw il-validita' tal-azzjoni istitwita hawnhekk mill-attrici. L -Ghaqda Volontarja Gesu fil-Proxxmu u Jane Galea bhala segretarja tal-istess ghaqda fir-risposta guramentata taghhom jeccepixxu illi "certament li l-amministrazzjoni tal-beni tal-interdetta ma tinkludix il-presentata ta' din l-azzjoni li tesorbita tali amministrazzjoni, hija ta' natura straordinarja u kienet tehtieg degriet tal-Qorti ta' gursidzzjoni volontarja biex tawtorizza l-presentata ta' din l-azzjoni."[4] Il-konvenuti Avukat Dr Michelle Tabone għan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza għall-Persuni b'Diżabilità, Ghana Mission Foundation u Charles Decelis bħala president u John Sammut bħala segretarju tal-Mission Fund fir-risposta ġuramentata taghhom juzaw is-segwenti kliem: "din il-kawza ma saritx bid-debita Awtorizzazjoni ta' l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) biex tintavola din il-kawza bhala Att ta' Amministrazzjoni Straordinarja".[5]

**Artikolu 180 tal-Kap. 12** jipprovdi kif gej:-

> "(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181, il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir –
>
> (a) mill-parti stess li tidher fl-isem tagħha nfisha, jew mill-persuna li tidher bħala l-ġenitur tat-tfal taħt is-setgħa tiegħu ta' ġenitur, jew bħala tutur, **kuratur**, amministratur tal-komunjoni, esekutur, kap ta' dipartiment jew amministratur pubbliku ieħor, jew bħala prokuratur ta' knisja, xirka, sptar, jew ta' istituti piji, jew bħala ekonomu ta' proprjetà f'kawża, jew bħala soċju jew rappreżentant ta' ditta, jew bħala wieħed mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A fil-każ ta' korp li jkollu

[4] Sottolinear tal-Qorti.
[5] *ibid.*

personalità ġuridika distinta, jew bħala aġent jew rappreżentant ta'soċjetà oħra kkostitwita skont il-1iġi, jew bħala prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġippreżentata;

[...]

(d) minn axxendent, dixxendent tal-parti, ħuha jew oħtha, iz-ziju jew iz-zija, in-neputi jew **in-neputija**, kwalunkwe wieħed mill-ġenituri ta' kwalunkwe mill-konjuġi, kwalunkwe wieħed mill-konjuġi tal-ulied, wieħed mill-konjuġi, li jkunu għal daqshekk maħtura bħala prokuraturi mill-parti li tidher u li l-firma tagħha hija kontrosenjata skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 634; [...]"

Distinzjoni netta bejn prezentata u rapprezentanza saret mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Pauline sive Polly Bonnici noe vs. Fr. Marc Andre Camilleri noe** (App. Civ. Nru 710/2016) deciza fl-14 ta' Dicembru 2018 fejn kkunsidrat li

"22. Il-kwistjoni f'dan l-appell għalhekk hija jekk, fi kliem l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti, "il-preżentata ta' din il-kawża" hijiex nulla. Il-kwistjoni mqanqla bl-eċċezzjoni mela ma hijiex jekk l-attriċi, mart l-attur, tistax toqgħod fil-kawża f'isem żewġha, iżda jekk il-preżentata tal-att tiswiex.

23. Il-kwistjoni jekk persuna tistax tidher għal oħra f'kawża bis-saħħa ta' mandat hija regolata bl-art. 1866 tal-Kodiċi Ċivili waqt illi l-kwistjoni jekk persuna tistax tippreżenta att f'isem persuna oħra hija regolata bl-art. 180 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

Il-Qorti tal-Appell ghaddiet sabiex ikkonkludiet li "L-eċċezzjoni ta' nullità tal-preżentata hija għalhekk ħażina, biex ma ngħidux ukoll fiergħa."

Ghaldaqstant jekk din il-Qorti kellha tistharreg l-eccezzjoni fit-terminologija kif imposta b'mod restrittiv, tasal sabiex tikkonkludi li ai termini tal-Artikolu 180 (1) (a), Cathrine Tabone bhala l-kuratrici tal-interdetta ma kienx jehtigilha l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) sabiex tigi pprezentata l-azzjoni odjerna. Din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Claudine Tesi vs. Hugh Vella** (Rik Gur Nru 751/2007 LSO) deciza fid-29 t'Ottubru 2015 osservat li "Skont l-artikolu 180(1)(a) tal-istess Kap. Tnax, atti gudizzjarji jistghu jigu prezentati biss *inter alia*, minn kuraturi fejn huma nominati bhal, ad esempju, kuraturi ta' persuni li huma interdetti jew inabilitati."

**(b) L-irwol generali ta' kuratur**

Jekk il-konvenuti, izda, bi prezentata u intavolar qeghdin jinkludu wkoll ir-rapprezentanza ta' Catherine Tabone bhala kuratrici fl-azzjoni allura jehtieg li din il-Qorti tara x'inhu l-irwol tal-kuratur b'mod generali. Ta' relevanza f'dan ir-rigward huma l-ewwel zewg sub-artikoli tal-**Artikolu 523 tal-Kapitolu 12** li jaqraw hekk:

> "(1) Meta l-qorti ssib li hemm raġuni biżżejjed għall-interdizzjoni, għandha taħtar kuratur **sabiex jamministra l-beni tal-interdett**.
>
> Kuratur għandu jinħatar għal żmien ta' mhux iktar minn tliet snin. Din il-ħatra tista' tiġġedded, meta l-qorti tikkunsidra hekk xieraq, wara li tkun evalwat ir-rapporti mogħtija mill-kuratur skont is-subartikolu (4).
>
> (2) **Id-dispożizzjonijiet dwar it-tutela tal-minuri jgħoddu, safejn jistgħu jgħoddu, għall-kurazija tal-interdetti.**"[6]

Id-dispozizzjonijiet dwar it-tutela wiehed isibhom fil-Kodici Civili mill-Artikolu 158 sa l-Artikolu 187. Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghall-Artikolu 172 fejn jipprovdi li 't-tutur [fil-kaz odjern, il-kuratur] għandu jieħu ħsieb tal-persuna tal-minuri [fil-kaz odjern, tal-interdett]; hu għandu **jidher għalih fl-atti ċivili**

[6] Enfasi mizjud.

**kollha**, u għandu jamministralu ħwejġu bħal missier tajjeb tal-familja'[7]. Il-Kodici Civili jippreciza liema huma dawk l-azzjonijiet li t-tutur, fil-kaz de quo, il-kuratur, ma jistax jaghmel minghajr ma l-ewwel jikseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u dan l-elenku jinstab fl-**Artikolu 180 (1)**:

> "It-tutur, mingħajr ma jkollu s-setgħa mill-qorti, ma jistax idaħħal jew jittrasferixxi kapitali tal-minuri, jissellef flus ħlief għal xi bżonn li ma jkunx irid dewmien, jaċċetta jew jirrinunzja wirt, jaċċetta donazzjonijiet jew legati suġġetti għal piżijiet, iġib kwistjonijiet f'arbitraġġ jew jagħmel transazzjonijiet, jew jittrasferixxi, jipoteka jew jagħti b'ċens ħwejjeġ immobbli, jew jagħti b'kiri għal aktar minn tmien snin, f'każ ta' raba', jew għal aktar minn erba' snin, f'każ ta' bini, jew għal aktar miż-żmien soltu skont l-użu, f'każ ta' ħwejjeġ mobbli."

Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-azzjonijiet elenkati li jehtiegu awtorizzazzjoni mill-Qorti huma azzjonijiet li jistghu jippregudikaw il-patrimonju tal-persuna interdetta. Fit-tieni lok, filwaqt li l-Artikolu 180 tal-Kapitolu 16 jipprovdi li tehtieg l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex kuratur "igib kwistjonijiet f'arbitragg", ma jipprovdix l-istess ghall-kwistjonijiet li ghandhom jingibu quddiem Qorti. Huwa ben saput li arbitragg huwa mekkanizmu li permezz tieghu tigi rizolta tilwima quddiem arbitru (li generalment ikun avukat jew Imhallef / Magistrat irtirat) minghajr litigazzjoni cioe minghajr il-htiega li wiehed imur il-Qorti. Dan il-mekkanizmu huwa fil-fatt wiehed mis-soluzzjonijiet alternattivi ghal tilwima (dak li bl-Ingliz jissejjah *Alternative Dispute Resolution (ADR)*) li huwa regolat b'Kapitolu 387, Att dwar l-Arbitragg. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis li l-kelma 'arbitragg' fl-Artikolu 180 ma tinkludix ukoll proceduri mressqa quddiem Qorti.

In vista ta' din l-osservazzjoni, mill-qari ta' dan il-provvediment flimkien mad-digriet tas-7 ta' Dicembru 2017 mogħti mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici Catherine Tabone ma kien jehtiegilha tikseb l-ebda awtorizzazzjoni gudizjarja qabel tintavola l-kawza odjerna.

[7] *ibid*.

Bis-sahha ta' din l-azzjoni l-attrici qieghda tiehu dawk il-mizuri li hi tikkonsidra mehtiega sabiex jekk l-azzjoni tinqata b'mod favorevoli, il-beni tal-interdetta jigu awmentati. Tal-istess fehma kienet il-Qorti Civili, Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) f'azzjoni ohra miguba wkoll mill-attrici odjerna, f'isimha proprju u f'isem iz-zija interdetta u f'liema kawza l-inkwilin eccepixxa li l-attrici kellha tikseb awtorizzazzjoni mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) qabel tipprocedi bi proceduri kostituzzjonali. Fis-sentenza **Catherine Tabone pro et noe vs. L-Avukat Generali et** (27/2018MCH) deciza fit-28 ta' Mejju 2019 gie ritenut:

> "Illi bhala kuratrici r-rikorrenti setghet tipprezenta dina l-kawza ghan-nom taz-zija taghha billi Carmela Tabone giet certifikata li kellha disturbi mentali u giet interdetta mill-atti kollha tal-hajja civili u ghalhekk hija bhala kuratrici setghet tidher ghaliha fl-atti civili fosthom dina l-kawza. [...] In oltre jekk din l-azzjoni jkollha ezitu favorevoli qed jigi protett il-patrimonju tal-interdetta mhux jigi pregudikat, anzi jista' anki jigi awmentat."

Dik is-sentenza tal-prim' istanza giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2020

> "44. Bħala kuratriċi kellha kull jedd li tipproponi kawża fl-interess ukoll tal-interdetta sabiex titlob rimedju fl-interess ta' Carmela Tabone. Dan ma kienx każ fejn per eżempju l-kuratriċi riedet tittrasferixxi l-ġid tal-interdetta jew tidħol f'obbligazzjoni f'isimha. Il-kuratriċi hi amministratur tal-ġid tal-interdetta u b'dak li għamlet ma kinitx qegħda tagħmel att ta' natura straordinarja."

Rilevanti wkoll li l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li giet ikkwotat mill-partijiet fil-kawza odjerna u cioe d-decizjoni **Rosa Formosa noe vs. Pietro Paolo Said** moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-7 ta' Mejju 1931[8]:

[8] Vol XXVIIIE.II.89.

> "Attesocche' il curatore di un interdetto, come il tutore per il pupillo, ha la cura della persona dell'interdetto, lo rappresenta negli atti civili e deve amministrare i beni di buon padre di famiglia. Egli non puo' fare senza l'autorizzazione della Corte, certi atti aventi piu' o meno il carattere di disposizione dei beni del patrimonio amministrato, ma deve conservare detti beni, ed i diritti inclusi nello stesso, e puo' quindi fare tutti gli atti intesi alla conservazione di tali diritti e dei beni componenti l'intero patrimonio caduto sotto la sua amministrazione e responsabilita'. Attesocche' l'attrice colla odierna citazione altro non fa che esercitare il diritto che, talvola, competerebbe all'interdetto, allo scopo di conservarne integro il suo patrimonio, richiamando allo stesso beni che si trovassero posseduti da terzi in preguidizio ed a danno dell'interdetto medesimo [...] Attesocche' del resto, l'attrice come curatrice e' annoverata tra quelle persone che possono presentare scritture a nome delle persone da loro rappresentante e contro cui la eccezione di illegittimita' di persona non puo' essere data"

Il-Qorti hadet l-inkarigu li taqra s-sentenza kollha sabiex ikollha gharfien ahjar ta' dak li inghad lura fl-1931. Għal kull buon fini jigi osservat li l-Artikolu 180 (1) (dak iz-zmien l-Artikolu 216) tal-Kodici Civili kien digà jipprovdi dak li jipprovdi llum il-gurnata.[9] Il-Qorti fehmet li l-awtorizzazzjoni mill-Qorti appozita hija mehtiega meta l-kuratur jew tutur ikun ser jiddispondi minn proprjetà mobbli jew immobbli tal-interdett jew minuri; *a contrario senso* l-awtorizzazzjoni gudizzjarja ma hiex mehtiega meta l-azzjoni intavolata mill-kuratur ghall-interdett hija intiza sabiex tipprotegi l-patrimonju tal-interett u/jew sabiex tawmenta tali patrimonju.

Mill-qari tal-premessi moghtija fir-rikors promotur, jirrizulta li dak li qieghda tittenta taghmel l-attrici m'huwiex sabiex tiddisponi minn assi tal-interdetta izda sabiex thares l-assi tal-interdetta mill-ahjar li tista' fis-setghat moghtija lilha fil-ligi. Ma jirrizultax li l-interdetta sejra tbaghti xi pregudizzju b'din l-azzjoni, pjuttost ghandu jinghad li bis-sahha ta' din l-azzjoni, jekk l-ezitu taghha jkun wiehed favorevoli ghall-attrici, l-assi tal-interdetta sejrin jigu awmentati. Ghaldaqstant il-

[9] Att XLVI tal-1973 emenda s-subartikolu 4.

Qorti qed tiddeciedi illi ma kienx mehtieg ad validitatem illi l-attrici tottjeni l-awtorizzazzjoni gudizzjarja qabel tintavola l-kawza odjerna.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti issottomettew li l-'poteri soliti' li l-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) kienet qieghda tirreferi ghalihom fid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2017 ma kienu xejn ghajr "atti giornaljeri u cioe atti ta' amministrazzjoni ordinarja". Din l-osservazzjoni ma tirrizultax fondata. Il-Qorti tirreferi ghall-**Artikolu 180 (4) tal-Kodici Civili** fejn jipprovdi li "(4) Il-qorti tista', fl-att li bih taħtar lit-tutur, jew b'digriet ta'wara, tagħti lil dak it-tutur setgħa ġenerali għall-atti kollha, jew għal xi wħud mill-atti hawn fuq imsemmija."

Dan maghdud, il-konvenuti ghamlu referenza ghall-**Artikolu 472 tal-Kapitolu 12** li jaqra s-segwenti:

> "Jekk ir-rikors ikun dwar rinunzja, transazzjoni jew garanzija, jew dwar awtorizzazzjoni biex tinbeda kawża, il-qorti tista' tordna lir-rikorrent li jġib parir bil-miktub, imsaħħaħ b'raġunijiet, ta' avukat wieħed jew iżjed li jkunu jeżerċitaw il-professjoni."

Bid-dovut rispett dan l-artikolu mhu qieghed jaghmel l-ebda referenza ghall-htiega ta' awtorizzazzjoni minn kuratur nominat ghal persuna interdetta; naqsu jindikaw kif dan l-artikolu qieghed specifikament jirreferi ghall-kuraturi ta' persuni interdetti. In oltre, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu ma jistax jinqara wahdu izda jehtieg jinqara maz-zewg artikoli li jippreceduh, b'mod partikolari l-**Artikolu 470** li jipprovdi li "t-talba għal awtorizzazzjoni [...] biex jagħmel dispożizzjoni li dwarhom il-liġi ma tippermettix mingħajr ma' jkun hemm qabel awtorizzazzjoni jew permess, jew għal provvediment jew ordni ieħor ta' ġurisdizzjoni volontarja u ta' natura ċivili, għandha ssir lil sezzjoni tal-Qorti Ċivili kif jiġi preskritt b'regolamenti". Ghaldaqstant trid tkun il-ligi stess li titlob li tinkiseb awtorizzazzjoni. L-Artikolu 472 ma jistipulax li ghandha tinkiseb l-awtorizzazzjoni gudizzjarja sabiex tinfetah il-kawza, izda qieghed jindika x'tista' tordna l-Qorti meta l-ligi titlob li ghandu jinkiseb awtorizzazzjoni.

Il-konvenuti imbaghad jghaddu sabiex jikkwotaw l-**Artikoli 477 u 787 (1) tal-Kapitolu 12,** li rispettivament jipprovdu li

> "477. Ebda att li jsir bis-saħħa ta' digriet tal-qorti fuq imsemmija ma jiswa il-partijiet li għalihom tiħtieġ l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, ħlief sa fejn dawk il-partijiet ikunu ġew awtorizzati."

> "787. (1) Kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa null."

L-Artikolu 477 huwa inapplikabbi ghal kaz de quo u dan peress li m'hemm mehtiega l-ebda awtorizzazzjoni gudizzjarja ghar-ragunijiet spjegati aktar 'l fuq. B'zieda ma' dan, l-anqas l-Artikolu 787 ma jiccentra hawnekk u dan ghaliex dan l-artikolu qieghed jirreferi ghal atti li jkunu saru minn persuni inkapaci li joqghodu f'kawza. L-Artikolu 787 m'huwiex qieghed jirreferi ghall-kwalunkwe persuna inkapaci izda ghal dawk il-persuni li huma indikati fl-Artikolu 781 tal-Kapitolu 12:

> "M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:
>
> (a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur;
> (b) il-persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew imġienen, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża [...]"

Però paragrafu (b) ta' dan l-artikolu jkompli jghid "hlief fil-persuna ta' dak li skont il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur *ad litem*". Ghaldaqstant il-kuratrici Catherine Tabone, li nafu mid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2017 li inghatat is-setgha li tamministra l-beni tal-interdetta Carmela Tabone, bis-sahha tal-Artikolu 781 (b) hija kapaci li tidher ghall-imsemmija interdetta fi proceduri gudizzjarji. Tant hija kapaci li tidher fi proceduri gudizzjarji ghan-nom l-

interdetta minghajr il-htiega t'awtorizzazzjoni preventiva, li meta l-inkapaci tistwixxi proceduri personalment, dan id-difett jista' jigi newtralizzat bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 788** fejn jippermetti li "Id-difett tan-nullità jiġi rrimedjat jekk [...] il-kuratur, illi jidher min rajh jew għax imsejjaħ fil-kawża, japprova l-atti."

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-eccezzjonijiet preliminari mertu ta' din is-sentenza bil-mod segwenti:-

1. **Tichad** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Avukat Dr Michelle Tabone ghan-nom u fl-interess tad-Dar tal-Providenza għall-Persuni b'Diżabilità, Ghana Mission Foundation u Charles Decelis bħala president u John Sammut bħala segretarju tal-Mission Fund; u

2. **Tichad** it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Ghaqda Volontarja Ġesù fil-Proxxmu ;

3. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' Ottubru 2020

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**